MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2003

Avviz Numru. 704/2000/1

**Yolanda armla ta' Ronald Smith, Marianna mart Louis Gatt, Astrid mart Edward Xuereb, John Mattei, Diane mart Peter Toledo u Alexandra mart David Zarb Mizzi u b'nota tas-17 ta' Jannar, 2001 Celicia Camilleri, Blanche Refalo u Pat Mercieca assumew l-atti tal-kawza minflok ommhom l-attrici Yolanda Smith li mietet fit-2 ta' Jannar 2001**

**vs**

**Nazzareno Cachia**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mill-atturi fid-29 ta' Mejju, 2000, fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li prevja d-dikjarazzjoni tal-Qorti huwa kien qed jokkupa illegalment l-ghalqa maghrufa bhala Tan-Nadur, kontrada tan-Nigret, limiti taz-Zurrieq billi m'ghandu ebda titolu validu fil-ligi,

jizgombra mill-imsemmija ghalqa fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu ffissat mill-Qorti.

Bl-ispejjez, inkluzi l-ittra ufficjali tad-19 ta’ Novembru 1999 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ghal finijiet ta’ kompetenza jigi dikjarat li l-valur lokatizju tal-fond hu ta’ anqas minn Lm50 fis-sena.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1. Illi r-raba mhix imsejjha tan-Nadur, imma hija maghrufa bhala tal-Munqar fil-kontrada tan-Nigret u ilha mikrija lill-missier l-esponenti u l-generazzjonijiet ta’ qabel minn zmien twil u ghandhom l-ircevuti.

2. Illi illum, ir-raba qed jinhadem mill-eredi ta’ Emanuel Cachia u cioe’ minn Nazzareno Cachia u minn Mario Cachia.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi rrizulta mill-provi illi b’kuntratt in atti Nutar Francesco Farrugia tad-29 ta’ Ottubru, 1923 Gian Battista Mattei, l-awtur ta’ l-atturi kkonceda lil Guzeppe Cassar l-awtur tar-ragel ta’ Emanuela Cassar bicca art maghrufa bhala tan-Nadur kuntrada tan-Nigret limiti taz-Zurrieq b’cens temporanju ghal 50 sena dekorribbli mill-15 ta’ Awissu, 1923.

Din il-koncessjoni skadiet fil-15 ta’ Awissu 1973 u meta l-aventi causa ta’ Gian Battista Mattei, l-atturi prezenti ghamlu ndagini biex jiskopru fejn qieghda l-art taghhom, sabu illi kien hemm fil-pussess taghha l-konvenut Nazzareno Cachia, li xehed li wiret il-qbiela ta’ l-art

minghand missieru, li miet sbatax-il sena (17) ilu. L-ghalqa tinhadem bejnu, huh Mario u huh George. Ihallas hmistax-il-lira (Lm15.00) kull sena lil Emanuela Cassar li toqghod il-Hamrun. Jiftakar li l-ewwel kien ihallas lil Emanuel Cassar missier Emanuel u mbaghad lill-istess Emanuel Cassar u wara lill-armla tieghu u cioe' Emanuela Cassar.

Mistoqsi xi prova kellu ghal din il-kirja, Nazzareno Cachia qal illi l-kotba tal-kera l-antiki tqattghu (fol 51) u seta' jipproduci biss l-ahhar ktieb illi l-ewwel entratura tieghu tibda fil-1976. Xehdu wkoll f'din il-kawza Mario Cachia u George Cachia li piu' o meno kkorroboraw il-versjoni li ta huhom Nazzareno.

L-utilista Emanuela Cassar tikkonferma li l-art kienet ghand zewgha b'titolu ta' enfitewsi temporanju. Fil-fatt tistqarr quddiem din il-Qorti li taf illi l-art mhijiex taghha. Taf ukoll illi zewgha kien ihallas zewg liri u nofs (Lm2.50) fis-sena b'cens x'imkien tas-Sliema. Kellha ktieb ta' rcevuti bl-ewwel entratura tieghu hija 10 ta' Settembru 1924 (fol 22) pero' hi qed tircievi minghand l-ahwa Cachia l-ammont ta' hmistax-il lira (Lm15.00) li bdiet tircevihom mill-1993. Qabel din id-data l-hlas kien ta' hames liri (Lm5.00). L-ewwel entratura tal-ktieb ta' l-ircevuti illi pproduca Nazzareno Cachia (fol 48) iggib ic-cifra ta' hames liri (Lm5.00) mhallsa fil-1976.

Il-Qorti tirrileva li x-xhieda ta' Emanuela Cassar hija pjuttost neboluza. Dana peress illi ma kienetx midhla ta' din l-art fi zmien propizju meta saru t-trasferimenti opportuni lill-konvenut jew l-awturi tieghu. Fil-fatt hi qalet illi zzewget fil-1973, dik is-sena li skadiet il-koncessjoni enfitewtika u saret taf bir-raba wara hafna zmien. Zewgha Emanuel kien ighidilha illi r-raba kienet mikrija lil certu Mario Cachia u wara l-mewt ta' zewgha fil-1993, Cachia baqa' jhallas ghandha, pero' fl-istess nifs tghid illi l-qbiela kienet tithallas lil oht ir-ragel u skond l-ewwel ircevuta tal-1976, kienet tithallas minn Guzeppi Cachia li miet fil-1984. Wara din id-data beda jissemma Mario Cachia. Il-konvenut Nazzareno Cachia ma jissemma imkien, fuq l-ebda ktieb ta' l-ircevuti, ghad illi hu ma nnegax illi qed jahdem din l-ghalqa.

Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond ta’ dawn ir-rizultanzi processwali l-unika prova dokumentarja li fuqha jista jistrieh l-konvenut, huwa l-ktieb tal-kera li huwa esebixxa kopja tieghu f’dawn l-atti. Dan il-ktieb jibda fil-1976 tlett snin wara illi ghalqet il-koncessjoni enfitewtika. Minnkejja illi l-konvenut ighid illi l-familja tieghu ilha fil-pussess ta’ din l-ghalqa mill-inqas sittin sena, dana mhuwiex konfortat mid-dokumenti u minn xhieda ohra, oltre hutu li ghandhom l-istess interess.

Kif gia nghad, ix-xhieda ta’ Emanuela Cassar ma tantx tista torbot fuqha. L-ewwel nett hija zzewwget fil-1973, meta skada c-cens. Tammetti li l-art mhix taghha ghad illi kienet taf li zewgha kien jircievi l-qbiela minnghand Mario Cachia, li rrizulta li huwa t-tifel ta’ Emanuel Cachia, illi l-ewwel prova tal-hlas tal-kera hija fil-1976. Jekk dana Mario Cachia kienx qed ighix ma’ missieru fi zmien il-mewt tieghu, ma rrizultax definittivament mill-atti. Zgur pero’, fi kwalunkwe kaz il-konvenut Nazzareno Cachia ma jiffigura imkien ghajr ghax-xhieda tieghu u ta’ hutu illi jghidu li jahdmu l-ghalqa flimkien. Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi l-atturi ppruvaw fi grad li trid il-Ligi illi l-konvenut Nazzareno Cachia m’ghandhux titolu validu biex ikompli jokkupa din l-ghalqa u t-talba ta’ l-atturi ghall-izgumbrament tieghu timmerita konferma.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tilqa’ t-talba ta’ l-atturi u tipprefiggi terminu ta’ xahrejn sabiex il-konvenut jizgombra mill-ghalqa maghrufa bhala Tan-Nadur, kontrada tan-Nigret, limiti taz-Zurrieq liema ghalqa huwa qed jokkupa minghajr titolu validu fil-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------